**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 206/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-vs-**

**Salvatore Pace detentur tal-Karta tal-Identita` numru 549361M**

**Illum:** 24 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Salvatore Pace** u cioe` talli:

1. Nhar it-28 ta' Marzu, 2018, għall-ħabta tas-13:30hrs, ikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' Christopher Cachia u/jew persuni oħra, liema offiżi jitqiesu li huma gravi skont kif iċċertifika Dr. Moses Camilleri Med Reg - 2242.

2. Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lil Christopher Cachia u kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba titratta ma' Salvatore Pace bħala reċidiv ta' sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-espert, jekk ikun il-każ pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 31, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii), 216(1)(b), 216(1)(d), 216(2), 218(1)(a)(b), 218(2), 222(1)(a) u 202(h)(vii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

L-**Ispettur Roderick Agius** spjega kif fit-28 ta' Marzu, 2018, għal habta tas-saghtejn ta' wara nofs n-nhar, kien infurmat illi kien hemm argument bejn xi familjari gewwa Triq il-Kilba, is-Siġġiewi, fejn persuna femminili qalghet daqqa ta' injama minghand ir-ragel jew l-ex ragel ta oħta, certu Christopher Cachia. Il-koppja Cachia kienu fi process ta' separazzjoni. L-ufficjal investigattiv ta

[1] Fol.116

struzzjonijiet sabiex il-partijiet imorru fl-eqreb centru tas-saħħa ħalli jinghataw assistenza medika.[2] Aktar tard gie infurmat mill-pulizija stazzjonat l-isptar Mater Dei li Enrica Pace allegatament qalet daqqa ta' injama u kienet fil-periklu tal-mewt. Flimkien ma pulizija ohra hu stess mar fuq il-post u kif kienu fi triqithom gie infurmat li Christopher Cachia kien dahal l-isptar ghal kura u ghalhekk gie nfurmat li kien jinsab taħt arrest. Cachia kien jidher viżibilment muġugh u rriżulta li kellhu ksur f'idejħ. L-istess Cachia qallu li kien mar Saint Joseph Farmhouse, Triq il-Kilba, is-Siġġiewi biex jigbor lill-ibnu izda kien hemm *misunderstanding* ghax ghalkemm kien hemm qbil ma martu dwar dan, zitu w nannuh ma riedux li t-tifel imur mieghu.[3] Kien ghalhekk li nqala' argument u hu gie fl-idejn ma Salvatore Pace bil-konsegwenza li sofra xi griehi f'idejħ. Stqarr li Enrica Pace bdiet ittiħ bis sieq u laqtitu fir-*ribcage.* Salvatore Pace gie arrestat u ttiehdietlu stqarrija.[4] Fl-istqarrija Pace stqarr li waqt li Cachia kien fil-vicinanza ta' bintu Enrica, u kien ghadu kif kien hemm dizgwid dwar l-access ta' neputieh, ra lit-tifla Enrica Pace ma l-art tokrob bl-ugiegħ u qal lil Cachia li ma messux refa' idu fuq mara. Skond l-imputat Cachia resaq lejh b'rabja u gew fl-idejn u kif gew fl-idejn waqa fuqu u *"taghni xi daqqtejn f'rasi, imbghad kif ghamilna s-sahha flimkien, jiena gejt fuqu fuq il-haxix, zammejtu u kif ikkalma qam ….u telaq…..kif gejna sahha ma sahha, ghelibna fuq xulxin u gejt fuqu jien, hu kien wiccu l-isfel u jien zammejtu mal-art sakemm ikkalma, u jista' jkun hemm garrab il-ksur…jien ma nafx kif garrab il-ksur."*. Fl-istqarrija jammetti li ma rax l-argument bejn Cachia u Enrica *"jiena dawwart wicci ghax kont sejjer inkompli nahdem"*.[5] Enrica kienet qalel lill-missierha li Cachia taha daqqa t'injama w wrietu l-injama li sussegwenetment ingabret mill-pulizija.[6]

**PS 954 James Mangion** kien l-ewwel ufficjal li mar fuq il-post fejn sehhet din l-alterkazzjoni. Enrica Pace u Salvatore Pace stqarrew mieghu li kellhom argument ma l-ex-ragel ta' oħtha u bintu rispettivament, li tirrizulta hi Stephanie Pace.[7] Cachia mar biex jibor lill-ibnu Jake minn gewwa l-istess residenza u t-tifel ma riedx imur mieghu. Filfatt Cachia kien ilu jcempel lill-ibnu izda dan xorta ma riedx imur ma missieru. Christopher fetah il-grada ghalkemm Enrica bdiet tkeccieħ izda dan baqa' diehel u taha daqqa t' injama f'genbha.[8] Illi iktar tard gie infurmat li sofra ksur f'subbajh waqt argument li kellhu mal-imputat.[9]

---

[2] Fol.25
[3] Fol. 26
[4] **Dok.RA** a fol.29-30
[5] Fol.29
[6] Fol.30
[7] A fol 16. Vide fol.29
[8] A fol 17
[9] A fol 19.

Mill-**Current Incident Report**[10] jirrizulta li filwaqt li l-imputat kellu demm fuq xuftejh, Enrica Pace ***"kienet tassew mugugha hafna li ma setetx tqum mill-art".*** *A tempo vergine* Pace spjega lill-pulizija li kif ra lil Cachia diehel gewwa l-farmhouse, gewwa hwejjgu, qallu jitlaq il-barra izda dan injorah u qabad bicca injama u dahal ghal Erica biex itiha x'hin din bdiet tghidlu li ibnu ma riedx imur mieghu dakinhar: Qal *"f'daqqa wahda harget it-tifla Enrica tghidlu li mhux gej u qabad injama u dak il-hin rajt it-tifla fl-art. X'hin rajtu fejn it-tifla gbidtu lura u tani daqqtejn f'wicci.".* [11] Ir-rapport gie kkonfermat minn **PS 954 James Mangion.**[12]

**Deandra Zerafa** esebiet ***Process Verbal* numru 362/2018** dwar l-incident mertu ta' dan il-kaz.[13] Riprodotta kkonfermat illi l-multi li l-imputat kellhu jhallas wara zewg sentenzi precedentement ppronunzjati fis-6 ta' Gunju, 2014, u fil-31 t' Ottubru, 2014, gew mħallsa fl-intjier tagħhom.[14] Dawn is-sentenzi gew esebiti mill-ufficjal proskeutur.[15]

**Christopher Cachia**, il-parte leza, xehed li hu hafer lill-imputat u peress li fil-konfront tieghu gew istitwiti proceduri ma xtqax jinkrima lilu nnifsu.[16] Riprodott rega' kkonferma din il-posizzjoni.[17]

**Mark Borg** kien qed jahdem fir-residenza tal-imputat meta sehh l-argument ma Cachia, u jixhed li *"smajt l-ghajjat u rajthom jiggieldu u mort inferridhom…..Lit-tlieta li huma…..Sammy, Enrica u Christ kienu fl-art…. It-tifla tieghu u Christ Cachia u jien kemm ferrithom biss ux….. Mort inferridhom biex ma jibqghux jiggieldu…. Mal-art jiggieldu….Mela t-tfajla kienet mal-art ukoll".*[18] Ra lill-Enrica tibki ghax kienet migugha.[19]

**Enrica Pace** xehdet li Chris beda jcempel lill-ibnu Jake, ta' tlettax il sena, li kien qieghed fid-dar ta' nanntu w nannuh (il-genituri taghha), biex imur mieghu

---

[10] **Dok.JM** a fol.20 et seq
[11] Fol.23
[12] Fol.17
[13] Fol. 53. Vide **Dok. DZ** a fol.57 et seq.
[14] A fol 119
[15] Fol.107; Vide **Dok. RAZ** u **Dok. RAZ1** a fol. 109 et seq. u 112 et seq.
[16] Fol.14
[17] Fol. 127
[18] Fol.34-35
[19] Fol.36

izda t-tifel ma riedx imur u qallu li kien ser imur mieghu l-ghada. Jake tant ma riedx imur ma missieru li meta missieru beda jcempillu beda jaqtalu t-telefon. F'hin minnhom rat lil Chris diehel gewwa id-*drive-in* tar-residenza fil-hin li misserha kien fuq barra. Bdiet tghid lil Chris li ibnu ma riedx imur mieghu izda hu qalilha ma tindahalx. Tkompli li hekk kif deher li l-affarijiet ikkalmaw, daret u bdiet diehla lura lejn ir-residenza izda qalet daqqa ta' njama f'genbha minghand Cachia.[20] Taf li kien hu ghax ratu bl-injama f'idejh. Dak il hin ghajjtet ghax weġghet u f'daqqa wahda kif giet biex tqum rat lil missiera u lil Chris jillettikaw u marret biex tferraqhom. Illi mistoqsija fejn kien missiera dak il hin ix-xhud tghid illi missiera kien sejjer l-ghalqa peress li ghandhom l-ghalqa biswit id-dar:

*Qorti: U missierek fejn kien qabel ma nqala dan kollu waqt li inti kont fid-drive way*
*Xhud: Kien sejjer gol-ghalqa ghax mad-dar ghandna ghalqa go fiha*
*Qorti: Jigifieri l-papa sema' l-ghajjat ghax*
*Xhud: Jien ghajjat ghax weggajt*
***Qorti: Hemmekk dahal fiha l-papa, ma kienx fiha din il-bicca xoghol?***
***Xhud: Le***
*Qorti: Jigifieri l-papa gie biex jaghmel xiex?*
*Xhud: Jien kif qomt, kif rajtu, rajthom flimkien lil missieri u lil Chris*
*Qorti: Pero' l-papa, kif sar jaf li inti, kif gie lura ghax int ghajjat?*
*Xhud: Ghajjat jien x'hin qlajt id-daqqa ta' njama*[21]

Tghid illi missiera dahal fl-istorja ghax sema lilha tghajjat malli qalet id-daqqa; hu kien wiccu lejn l-ghalqa. Ftit wara l-affarijiet kkalmaw bi Christopher Cachia ihalli l-post.[22] Kawza tad-daqqa li garrbet wegghet il-milsa fejn anke nzammet l-ITU ghal jumejn u mbaghad ghamlet tlett ijiem ohra l-isptar. Kellha bzonn *recovery* ta' sitt gimghat u ghamlet xahar barra mix-xoghol.[23]

**Dr. Mario Scerri** filwaqt li esebixxa r-rapport minn tieghu in segwitu tal-ikariku lilu moghti fil-kors tal-inkjesta magisterjali,[24] xehed kif ezamina lil Enrica Pace, lil Christopher Cachia u lil Salvatore Pace. Enrica Pace garrbet lacerazzjoni tal-milsa *grade one* (1) kompatibbli ma' *blunt trauma* fuq in-naha tax-xellug taz-zaqq u kellha tbengiela fuq il-milsa. Irceviet *conservative management,* ma gietx operata w eventwalment giet illicenzjata mill-Isptar Mater Dei. Iddeskriva il-lezjoni mgarrba minnha bhala ta' natura gravi per durata. L-imputat ma garrabx lezjonijiet filwaqt li Christopher Cachia sofra frattura tal-

---

[20] Fol. 38-39
[21] Fol. 40
[22] Fol. 41
[23] Fol. 43-45
[24] **Dok MS** a fol.88 et seq.

fifth (5th) metacarpal bone tal-lemin li kellha tigi ridotta b' *open reduction* u *internal fixation*. Din il-leżjoni kienet ukoll ta' natura gravi per durata. [25]

**L-ewwel Imputazzjoni – Offiza Gravi fuq Cachia**

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulzija vs Sandro Chetcuti**[26]:

> *Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*

Illi fil-kaz in dezamina l-Qorti hi rinfaccjata biss bl-istqarrija tal-imputat galdarba Cachia ghazel ma jixhidx filwaqt li Mark Borg u Enrica Pace ma jitfghu l-ebda dawl dwar x'ta bidu sabiex l-imputat u Cachia jispiccaw fl-idejn. Kollox jindika li dan sehh wara li Enrica Pace soffriet daqqa t'injama minghand Christopher Cachia u ghajjtet bl-ugigh tant li attirat l-attenzjoni ta' missierha. *A tempo vergine* l-imputat qal li hu mar jipprotegi lill-bintu li kienet mal-art u rnexxielu jigbdu lura xhin Cachia tah daqqtejn f'wiccu. Fil-fatt fil-Current Incident Report jinghad li meta l-pulizija wasslu fuq il-post sabu lil Pace *"kellu xi dmija fuq xuftejh"*.[27] Mill-assjem tal-provi ma jidhirx li kien hemm din l-intenzjoni li ssir hsara fuq Cachia. L-intenzjoni tal-imputat pjuttost tidher li kienet dik li tigi skansata hsara ulterjuri fuq bintu li wara d-daqqa li qalghet spiccat mal-art tghajjat bl-ugigh! Mhemmx dubbju li din soffriet **blunt trauma** fuq in-naha tax-xellug taz-zaqq tant li anke l-milsa sfat mbengla.[28]

L-iskriminanti tal-Provokazzjoni

Issa mill-fatti specie ta' dan il-kaz ma hemm xejn li jikkontradixxi l-verzjoni moghtija *a tempo vergine* mill-imputat li kif inghad, hekk kif ipprova jipproteggi lill-bintu mixhuta mal-art wara daqqa li qalghet minghand Cachia, beda jigbdu lura biex ibghedu minnha u spicca biex Cachia xejjirlu daqqtejn f'wiccu. Ghalhekk f'dan ir-rigward jista' jirrizulta wkoll l-iskriminanti tal-provokazzjoni a tenur tal-artikolu 230(a) u (c) tal-Kodici Kriminali.

---

[25] Fol.86

[26] Per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza 18 ta' Settembru, 2013; Numru. 233/2010

[27] Fol.23

[28] Vide xhieda Dr. Mario Scerri a fol. 86

Illi l-iskriminanti tal-provokazzjoni gie trattat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Cuschieri**:[29]

> *Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt......skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju*.

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizja vs Paul Abela u Omissis** fejn gie deciz:[30]

> **Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: *"la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.)* Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)**

<u>Id-dritt tal-Legittima Difeza</u>

Illi izda l-imputat ma ssolevax l-iskriminanti tal-provokazzjoni izda jikkontendi biss li gie kostrett jiddefendi lill-bintu mill-aggressjoni ingusta mwettqa mill-parti leza li ggib l-impunita' u dan fit-termini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs David Farrugia** giet trattata d-difiża tal-leġittima difeza *in funditus:*[31]

---

[29] Qorti tal-Appel Kriminali, Per Onor. Imħallef Edwina Grima, Appell Nru: 379/2016; Deciza 30 ta' Marzu 2017

[30] Qorti ta'l-Appelli Kriminali; Per Onor Imhallef David Scicluna; Deciza fl-10 ta' Settembru, 2004; Apell Nru: 87/2004

[31] Qorti tal-Appel Kriminali, Per Onor. Imħallef Edwina Grima, Deciza 26 ta' Mejju, 2016; Appell Nru: 175/2015;

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid: 'Ma hemmx reat meta omicjidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.'

Illi jigi rilevat li d-dritt tal-legittima difeza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuoldieri li dak li ghamal l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha rrizulta bl-agir tal-agressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-**Professur Mamo** jghid:

> *'The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.'*

Illi wiehed irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit. Huwa importanti li l-perikolu jkun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjega **Antolisei**:

> *"Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il direttopreso di mira un pericolo attuale. Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rileva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Periocolo attuale e il pericolo presente' (Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261).'*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pv iv pg. 734, deciza fis-16 ta' Ottubru, 1937, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu mminenti ta' aggressjoni; liema aggrassjoni trid tkun ingustqa, gravi u inevitabbli.

Din tkun ukoll il-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** di Roma tal-25 ta' Frar, 1978 (Analizi della Gurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale – pg. 56) *"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell' agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

Illi f'dan ir-rigward, il-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fl-**HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC** (A Casebook of Scottish Law) pg. 347 – li: "*To reach the first result, that is to say the result of complete acquittal, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and*

*there must have been no other means of escaping form the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissussisti d-difiza ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli. Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jitratta biss fuq 'offiza'. Skond **Antolisei** '*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto'.* Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu Trattato di Diritto Penale (parte generale pg. 358) jghid: *'La gustificante dell articolo 52* (which corresponds to our Sec. 223) *non e affatto condizionale alla irreparabilita' del danno richiede soltanto che condizionale alla irreparabilita' del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e' d'ingiusta attesa'.*

Illi l-**Professur Mamo** jghid:

> *'The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person 'irreparable' evil and the law considers as 'irreparable' and consequently gave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent.'*

Illi dwar il-kwistjoni tal-inevitabliltia' fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar, 1958 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emily Zarb**, il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huwma mehtiega biex tigi akkrodata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita', u minghajr il-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jighata din l-iskriminanti. Infatti f'analizi della **Gurisprudenza Italiana** (pt. 4, pg. 32 – Roma – 25/01/1898) gie deciz li: '*Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro mod che col ferire ed uccidere l'aggressore.'*

Illi sabiex il-perikolu jfisser 'situazione inevitabile', il-perikolu jrid ikun 'sudden' u cioe' li l-imputata ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe' li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma necessitas est lex. Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Micallef** (Vol. XXXIX pg.1072) li:

> *'Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lill min jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-propjeta' tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta' u in difesa attwali taghha';*

Illi fil-fatt **Canofari**, il-Commentario al Codice Penali delle Due Sicilie (pg. 204 – lib 11 – titole VII) dwar l-artikolu 373 tal-Codice delle Due Sicile li jikkorrispondi ghall-Artikolu 223 tal-Kap 9, jghid:

> *'La lette e protettrice della difesa private non della private vendetta; ella protégé le impulsioni della natura nei moment della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato'* L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid il-Carrara (pg. 209-306 Programma): '*Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocent. Tali mezzi si riducono alle preghriere, all' acclamazione della fuga.'*

…….

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Psaila** deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:

> "***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."*** [emfazi tal-Qorti]

L-istess Qorti kif preseduta, fis-sentenza taghha **Il-Pulzija vs Zachary Vella** qalet: [32]

Issa:

'biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalinqas fuq bazi ta' probabilita', li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f'persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti'.[33]

Illi skont il-mibki **Professur Sir Anthony Mamo** sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha.

…….

Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.

Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi 'the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut. Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi 'if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence', filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha 'it could not be averted by other means'.

---

32 Qorti tal-Appel Kriminali, Mħallef Onor Edwina Grima, Appel Nru 46/2017 datat 3 ta' Mejju 2019

33 **Pulizija vs Anthony Micallef** deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u deċiża nhar it-30 ta' April 2009.

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa** il-Qorti stqarret ukoll illi:

> 'l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja. Jekk pero mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'.[34]

Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tissusistix minn min irid jiġġudika dwar il-fatti, irid jiġi applikat it-test soġġettiv. [emfazi tal-Qorti]

Illi abbraccjata it-tezi prospettata mill-imputat u abbinata mal-gurisprudenza hawn fuq iccitata li tfassal l-elementi legali mehtiega sabiex tissussisti l-iskriminanti tal-legittima difeza, din il-Qorti tqis li t-teżi tal-leġittima difiża ghandha ssib akkoljiment.

Dwar it-tieni akkuza ta' natura kontravvenzjonali, l-Qorti tqis li ma tistax tinstab htija fl-akkuzat kemm il-darba l-ksur ravvizat b'dik l-akkuza ma kienx xi wiehed pprecipitat mill-akkuzat li, kif jixhdu l-provi, l-ghemil tieghu kien dak ta' bniedem jiddefendi lilu nnifsu u lill-bintu minn aggressjoni gratwita komessa fil-konfront taghhom.

Ghaldaqstant abbazi tal-motivi hawn fuq migjuba, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena mill-akkuzi fuqu migjuba.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**

---

[34] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Per **S.T.O. Prim Imhallef** Vincent Degaetano, Joseph A. Filletti u Onor. Imhallef David Scicluna; Deċiża fis-16 ta' Ottubru, 2003.